IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 05**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tnejn 17 ta' Ġunju 2013 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Antoine Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| | |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 04**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru G04 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 04

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 04**

Punti li joħorġu mill-Minuti G 04

2.01 5.03 Wara li s-Sindku ppropona li l-persuna mill-pubbliku jkollha vot, saret talba biex tiżdiet persuna oħra. Kien hemm qbil unanimu li ż-żewġ persuni jiġu nominati fil-laqgħa li jmiss.

Ħatra ta' membru mill-pubbliku sabiex jifforma parti mill-Bord tal-Aġġudikazzjoni

| | | |
|---|---|---|
| 2.02 | 16.02 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill ma sabx min jarmalu *stand* għall-Imnarja u għaldaqstant mhux ser ikun possibbli li nieħdu sehem. | Stedina mis-Soċjetà Agrarja |
| 2.03 | 16.03 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva mingħand TM, li ġiet meħuda nota tat-talba tal-Kunsill. | Proposta minn TM dwar *parking bays* fi Triq Ġorġ Borg Olivier k/m Triq tal-Virtù |
| 2.04 | 18.06 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-proċess kellu jibda fil-jiem li ġejjin. | Talba dwar il-kappella ta' San Mikiel is-Sinċir |
| 2.05 | 18.07 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva mingħand TM. Minħabba diversi raġunijiet TM ma kinux qed jirrakkomandaw li jsir parkeġġ fuq il-bankina. Is-Sindku ppropona li issir petizzjoni mir-residenti u tiġi preżentata lil TM. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament. | Problema ta' parkeġġ fi Triq Pietru Griscti |

**3.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza**

| | | |
|---|---|---|
| 3.01 | Is-Sindku ppreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill ritratti li juru ħsarat estensivi fuq il-pont ta' Wied il-Qlejgħa. Hu ppropona li jsir manutenzjoni tal-pont li tant jintuża mill-bdiewa Rabtin. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. | Ħsarat estensivi fuq il-pont ta' Wied l-Qlejgħa |
| 3.02 | Is-Sindku informa l-laqgħa li kien irċieva talba mingħand is-CEO tal-Arkivji Nazzjonali (l-Isptar Santu Spirtu) fejn qed jitolbu kull tip ta' għajnuna mingħand il-Kunsill biex ir-restawr fuq il-ħajt li jiġi fuq it-triq prinċipali jibda mill-aktar fis. | Talba Arkivji Nazzjonali (l-Isptar Santu Spirtu) |
| 3.03 | Is-Sindku qal li fil-laqgħa li nżammet mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Ian Borg, il-Kunsill ġie mitlub jipprepara *outline plan* għal proġetti li jkunu kofinanzjati mill-programmi tal-UE (ERDF).<br><br>Wara diskussjoni li saret il-Kunsill qabel li jħejji żewg *outline plans*. Wieħed biex issir manutenzjoni u tisbiħ tad-Dwejra, li jinkludi tindif tax-xelters, bini ta' ħitan tas-sejjieħ u *resurfacing* tat-toroq tad-Dwejra u ieħor biex issir manutenzjoni u tisbiħ fuq *ir-roundabout* tan-Nigret, li jkun jinkludi ġibjun taħt l-art u *Playingfield* fuq. | Laqgħa li nżammet mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Ian Borg |
| 3.04 | Is-Sindku informa l-laqgħa li nhar it-Tlieta 28 ta' Mejju kienet saret serqa mill-garaxx tal-Kunsill li jinsab Vjal il-Ħaddiem. Hu qal li l-unika oġġett irrapurtat misruq kien il-*generator* li jintuża mill-ħaddiema tal-IPSL. Hu ssuġġerixxa li jinġabru l-kwotazzjonijet meħtieġa sabiex jinxtara *generator* ġdid. Il-Kunsill qabel unanimament. | Xiri ta' *generator* |
| 3.05 | Is-Sindku ppreżenta talba li saret lis-Segretarju Eżekuttiv mill-impjegata s-Sra Victoria Privitera, sabiex tkun tista' tieħu għaxart ijiem *leave* bla ħlas imqassma fuq ix-xhur ta' bejn Settembru u Diċembru 2013. Is-Sindku qal li minkejja li hija prerogattiva tas-Segretarju Eżekuttiv biex tiddeċiedi fuq il-*leave* tal-ħaddiema, hi ħasset il-ħtieġa li f'dan il-każ kien ikun aħjar li tgħarraf b'dan lill-Kunsill.<br><br>Il-Kunsill qabel li dan il-*leave* bla ħlas jiġi approvat. | Talba mill-impjegata s-Sra Victoria Privitera |

4.00 **Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet**

4.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ippropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 222 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. L-iskeda tal-ħlasijiet numru 222

5.00 ***Quarterly Financial Statements (Jan – Mar)***

5.01 Peress li l-Kunsill kien għadu qed jistenna risposta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fir-rigward tar-rapport dwar il-pożizzjoni u l-operat finanzjarju tal-Kunsill dan l-*item* tal-agenda ser jittella' meta din tkun riċevuta. *Quarterly Financial Statements (Jan – Mar)*

6.00 **Ir-rapport tal-awditur għas-sena 2012 u t-tweġiba tal-Kunsill għal dan ir-rapport**

6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport tal-awditur għas-sena 2012 u spjegat il-punti li dan ġibed l-attenzjoni dwarhom. Hi kompliet billi qalet, li l-amministrazzjoni tal-Kunsill minkejja li ma qablitx mal-punti kollha tal-*Management Letter* tinnota b'sodisfazzjon it-titjib konsiderevoli li reġa' kien hemm għal dik is-sena, dwar l-operat tal-Kunsill. Kopja tar-Rapport tal-Awditur tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Ir-Rapport tal-Awditur għas-sena 2012 u t-tweġiba tal-Kunsill għal dan ir-rapport

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw fuq il-mejda tal-Kunsill it-tweġiba tal-Kunsill. Wara li qrat it-tweġiba tal-Kunsill għar-rapport tal-awditur is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li tiġi approvata hekk kif ippreżentat. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tat-tweġiba tal-Kunsill tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

7.00 **Ħruġ ta' *Tenders* għall-Proġett Miżura 313 – *Encouragement of Tourism Activities***

7.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li jinħarġu t-*tender* relatati mal-Proġett Miżura 313 – *Encouragement of Tourism Activities.* Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Ħruġ ta' *Tenders* għall-Proġett Miżura 313 – *Encouragement of Tourism Activities*

8.00 **Approvazzjoni tal-Programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani (Lulju – Diċembru 2013)**

8.01 Is-Sindku ppreżenta l-programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani għall-perjodu bejn Lulju – Diċembru 2013 li ħejjiet il-Viċi Sindku Doris Coleiro. Huwa talab lill-Viċi Sindku Doris Coleiro biex tagħti spjegazzjoni aktar fid-dettall tal-programm. Il-Kunsill qabel unanimament. Programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani

9.00 **Korrispondenza**

9.01 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0863/13** dwar Sospensjoni tal-Laqgħa A32 tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù, il-Kunsill qabel unanimament li jibqa' jsostni dak approvat minnu fil-laqgħa G02 tas-17 ta' April 2013. Sospensjoni tal-Laqgħa A32 tal-Kumitat Amministrattiv tal-

Virtù

9.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0338/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien ġie jiġi mitlub jibgħat il-kummenti tiegħi dwar proposti li daħlu għand TM dwar Triq Ġorġ Borg Olivier. Il-proposti huma li jew tiġi introdotta sistema ta' *traffic lights* li jikkontrollaw it-traffiku, jew inkella t-triq issir *one-way* u jiġu mwessgħa l-bankini.

Proposti Triq Ġorġ Borg Olivier

Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel li nitolbu spjegazzjoni dettaljata ta' kif TM ser tadotta dawn it-*traffic lights*, tispeċifika l-post u kif ser titħaddem din is-sistema.

9.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0909/13** dwar sinjali tat-traffiku fi Triq Carlo Fiamingo l-Kunsill qabel li jimxi ma dak ordnat minn TM.

Sinjali tat-traffiku fi Triq Carlo Fiamingo

9.04 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0832/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand is-Sur Vella sabiex issir *Zebra Crossing* fi Triq il-Kbira u *Ziz Zag lines* tul Triq il-Kbira sal-ewwel kantuniera ta' Triq ir-Repubblika.

Talba mingħand is-Sur Vella

Wara diskussjoni li saret il-Kunsill qabel li ssir talba lil TM.

9.04 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0843/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand is-Sur Prestige dwar il-bżonn li ssir manutenzjoni taz-zona tan-Nadur. Is-Sur Prestige talab ukoll li ssir bozza minħabba d-dlam li hemm fl-akwati.

Talba mingħand is-Sur Prestige

Il-Kunsill qabel li dwar il-bozza ssir talba lill-Korporazzjoni Enemalta u dwar il-manutenzjoni tat-triq għandha ssir stima tax-xogħlijiet mill-perit tal-Kunsill.

9.05 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1396/11** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Korporazzjoni Enemalta kienet approvat it-talba tal-Kunsill sabiex isiru żewġ bozoz fuq arblu fi Triq tal-Fiddien li tagħti għat-triq tal-Baħrija.

Installazzjoni ta' bozza Triq tal-Fiddien

Il-Sindku ppropona li ssir l-installazzjoni ta' dawn il-bozoz ġodda. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Antoine Borg. Il-Kunsill approva.

9.06 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0114/08** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Korporazzjoni Enemalta kienet approvat it-talba tal-Kunsill sabiex issir bozza fuq arblu fi Triq ir-Rummien, il-Baħrija.

Installazzjoni ta' bozza Triq tal-Fiddien

Il-Sindku ppropona li ssir l-installazzjoni ta' din il-bozza ġdida. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill approva.

9.07 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0289/07** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Korporazzjoni Enemalta kienet approvat it-talba tal-Kunsill sabiex issir bozza fuq arblu fi Triq il-Palazz, il-Baħrija.

Installazzjoni ta' bozza Triq il-Palazz, il-Baħrija

Il-Sindku ppropona li ssir l-installazzjoni ta' din il-bozza ġdida. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill approva.

9.08 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0927/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Korporazzjoni Enemalta kienet approvat it-talba tal-Kunsill sabiex issir bozza fuq arblu fi Triq tas-Salvatur.

Installazzjoni ta' bozza Triq tas-Salvatur

Il-Sindku ppropona li ssir l-installazzjoni ta' din il-bozza ġdida. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Antoine Borg. Il-Kunsill approva.

9.09 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0929/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Korporazzjoni Enemalta kienet approvat it-talba tal-Kunsill sabiex issir bozza fuq arblu fi Triq Binġemma.

*Installazzjoni ta' bozza Triq Binġemma*

Il-Sindku ppropona li ssir l-installazzjoni ta' din il-bozza ġdida. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill approva.

9.10 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0930/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Korporazzjoni Enemalta kienet approvat it-talba tal-Kunsill sabiex issir bozza fuq arblu fi Triq l-Imtaħleb.

*Installazzjoni ta' bozza Triq l-Imtaħleb*

Il-Sindku ppropona li ssir l-installazzjoni ta' din il-bozza ġdida. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill approva.

9.11 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0825/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Korporazzjoni Enemalta kienet approvat it-talba tal-Kunsill sabiex issir bozza fuq arblu fi Triq Alessandro Curmi.

*Installazzjoni ta' bozza fi Triq Alessandro Curmi*

Il-Sindku ppropona li ssir l-installazzjoni ta' din il-bozza ġdida. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill approva.

9.12 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0939/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Korporazzjoni Enemalta kienet approvat it-talba tal-Kunsill sabiex issir bozza fuq arblu fiz-zona tal-Landrijiet.

*Installazzjoni ta' bozza fiz-zona tal-Landrijiet*

Il-Sindku ppropona li ssir l-installazzjoni ta' din il-bozza ġdida. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill approva.

9.13 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0841/13** il-Kunsill ġie infurmat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar permess lil "Dura Bar" Triq San Kataldu sabiex ipoġġi imwejjed u siġġijiet quddiem il-ħanut. Il-Kunsill qabel li għandu joġġezzjona fuq nuqqas ta' konsultazzjoni.

*Permess għal tpoġġija ta' imwejjed u siġġijiet*

9.14 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0960/13** il-Kunsill qabel unanimament li jissieħeb bħala Membru Korporattiv fl-ANSEK. Il-ħlas annwali għall-Kunsill ta' 9 membri hu ta' €180. Il-Kunsill qabel unanimament li jħallas il-kors dwar l-*accounts* u l-finanzi organizzat mill-ANSEK lis-Segretarju Eżekuttiv għall-ħlas ta' €60.

*Sħubija fl-ANSEK*

*Kors dwar l-accounts u l-finanzi organizzat mill-ANSEK*

## 10.00 Materji Oħra

10.01 Is-Sindku qal li hemm bozza maqtugħa fi Triq San Bartilmew ħdejn bieb nru 20 li ilha tliet xhur tiġi rrappurtata mill-amministrazzjoni tal-Kunsill iżda ix-xogħol fuqha baqa' qatt ma sar.

*Bozza maqtugħa fi Triq San Bartilmew*

10.02 Is-Sindku talab li jiġi rranġat l-arloġġ li hemm is-Saqqajja ħdejn il-BOV. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ppropona li jekk dan ma jistax jissewwa minflok il-magna tal-arloġġ issir l-arma tar-Rabat. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Stephen Borg.

*Tiswija ta' l-arloġġ tas-Saqqajja*

10.03 Is-Sindku talab li ssir manutenzjoni fuq funtana tal-pjazza. Il-Kunsill qabel.

*Manutenzjoni fuq funtana tal-pjazza*

10.04 Is-Sindku talab li jsir qtugħ ta' ħaxix ta' Koronja. Il-Kunsill qabel.

*Qtugħ ta' ħaxix ta' Koronja*

10.05 Il-Kunsillier Nazju Cassar saħaq dwar il-bżonn li jsir qtugħ ta' ħaxix fi Triq Sant'

*Qtugħ ta' ħaxix fi*

| | | |
|---|---|---|
| | Aristarku ħdejn il-Blata. Il-Kunsill qabel. | Triq Sant' Aristarku |
| 10.06 | Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li jitnaddaf Ġnien Fieres. Il-Kunsill qabel. | Tindif ta' Ġnien Fieres |
| ** | Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li jiġi skużat fis-9.12 p.m. | |
| 10.07 | Il-Kunsillier Antoine Borg saħaq li l-Kunsill għandu jkompli jagħmel pressjoni fuq il-Gvern Ċentrali sabiex jitkomplew ix-xogħlijiet infrastrutturali ta' Vjal il-Ħaddiem u Triq Ħad-Dingli. Il-Kunsill qabel. | Xogħlijet infrastrutturali ta' Vjal il-Ħaddiem u Triq Ħad-Dingli |
| 10.08 | Il-Kunsillier Antoine Borg talab li titnaddaf bil-*powerwash* il-bankina tas-Saqqajja in-naħa tal-BOV. Il-Kunsill qabel. | Tindif tal-bankina tas-Saqqajja |
| 10.09 | Il-Kunsillier Ian Vassallo talab li jsir *Traffic Calmer* ta' Koronja. Il-Kunsill qabel li ssir talba lil TM. | *Traffic Calmer* ta' Koronja |
| 10.10 | Il-Kunsillier Ian Vassallo talab li ssir bozza fuq il-*bridge* ta' Koronja. Il-Kunsill qabel li ssir talba lill-Korporazzjoni Enemalta. | Talba għal bozza fuq il-*bridge* ta' Koronja |
| 10.11 | Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li hemm bżonn li ssir manutenzjoni fuq it-*Traffic Calmer* tas-Saqqajja. | Bżonn ta' manutenzjoni fuq it-*Traffic Calmer* tas-Saqqajja |
| 10.12 | Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li t-tappieri ta' Vjal il-Ħaddiem qegħdin iħabbtu ħafna kull xħin jgħaddu l-karozzi minn fuqhom. | Tappieri fi Vjal il-Ħaddiem |
| 10.13 | Il-Viċi Sindku Doris Coleiro pproponiet li l-Kunsill jagħmel talba lill-Ministeru tas-Saħħa sabiex jiġi provdut trasport mill-pjazza għall-post proviżorju tal-poliklinika. Issekonda din il-proposta s-Sindku Charles Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament. | Talba lill-Ministeru tas-Saħħa |
| 10.14 | Il-Viċi Sindku Doris Coleiro talbet biex tinbidel mera li hemm Bieb ir-Ruwa minħabba li din tinsab miksura. Il-Kunsill qabel. | Mera mkissra Bieb ir-Ruwa |
| 10.15 | Il-Viċi Sindku Doris Coleiro talbet li jsir *Traffic Calmer* fi Triq l-Fidloqqom. Il-Kunsill qabel li ssir talba lil TM. | *Traffic Calmer* fi Triq il-Fidloqqom |
| 10.16 | Il-Kunsillier Paul Grech talab li titwaħħal mera Triq Ħal Bajjada. Il-Kunsill qabel. | Titwaħħal mera fi Triq Ħal Bajjada |
| 10.17 | Il-Kunsillier Paul Grech talab li titwaħħal tabella tat-traffiku *'Slow'* f'Bieb ir-Ruwa. Il-Kunsill qabel. | Titwaħħal tabella tat-traffiku *'Slow'* f'Bieb ir-Ruwa |
| 10.18 | Il-Kunsillier Paul Grech talba li jsir qtugħ ta' ħaxix fit-triq tal-Baħrija. Il-Kunsill qabel li tintalab stima għal dan ix-xogħol u tiġi ppreżentata fis-seduta tal-Kunsill li jmiss. | Qtugħ ta' ħaxix fit-triq tal-Baħrija |
| 10.19 | Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi talab li l-Kunsill jikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex nistabbilixxu jekk l-għalqa ta' *Peter the Potter* hijiex tal-gvern jew tal-privat. Il-Kunsill qabel. | L-għalqa ta' *Peter the Potter* |
| 10.20 | Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi qal li hemm *floodlight* mal-faċċata ta' Ristorante Cosmana Navarra li qed jibqa' mixgħul matul il-ġurnata. | *Floodlight* li qed jibqa' mixgħul |
| 10.21 | Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi qal li hemm diversi ħofor Taċ-Ċagħki ħdejn il- | Ħofor taċ-Ċagħki |

Mitħna. Il-Kunsill qabel li ssir il-manutenzjoni meħtieġa.

10.22 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi qal li t-tabelli tal-ħinijiet tal-iskola primarja A u B kienu ċċaraw. Il-Kunsill qabel li jiġu ordnati tabelli ġodda.

Tabelli ġodda tal-ħinijiet tal-iskola primarja A u B

10.23 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi qal li hemm sprall iħabbat quddiem residenza nru 42 Triq Pietru Griscti.

Sprall iħabbat Triq Pietru Griscti

10.24 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi qal li hemm sprall fi Triq Ġorġ Borg Olivier ħdejn il-kunvent ta' San Duminku li jeħtieġ li ssirlu manutenzjoni.

Sprall fi Triq Ġorġ Borg Olivier

10.25 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssuġġerixxa li l-*pots* li hemm ħdejn il-kunvent ta' San Duminku fi Triq Ġorġ Borg Olivier jitneħħew. Il-Kunsill qabel.

Tneħħija tal-pots ta' ħdejn il-kunvent ta' San Duminku

**11.00 Data tas-seduta li jmiss**

11.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 16 ta' Lulju 2013 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Data tas-seduta li jmiss

11.02 Il-laqgħa ntemmet fl-9.50 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 16 ta' Lulju 2013

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**